MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 509/2004

**Speed Trans Ltd**

**Vs**

**Avv. Dr. Richard Sladden nominat b'digriet tal-hamsa w ghoxrin t'Ottubru 2004 bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lil imsiefer Alain J. Baud u b'digriet tat-tlieta ta' Novembru 2004, Dr. Danielle Mallia giet awtorizzata tassumi l-atti minflok l-Avv. Dr. Richard Sladden u b'digriet tas-sbatax (17) ta' Settembru 2009 l-Avv. Dr. Gillian Mamo giet mahtura bhala mandatarja tal-assenti Alain J. Baud in sostituzzjoni tal-mandatarji precedenti tieghu u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2006 gie kjamat in kawza Charles Attard f'ismu proprju kif ukoll bhala rapprezentant tad-ditta jew kumpanija Juanafils Consultants Limited.**

**Il-Qorti:-**

Rat li s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Settembru 2004 fejn talbitha tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma flus rapprezentanti danni kagunati lis-socjeta attrici per konsegwenza ta' nuqqas da parti tieghu li jipprezenta d-dokumenti necessarji u jaghmel it-talba opportuna quddiem l-Awtoritajiet kompetenti, kif kien inkarigat li jaghmel, sabiex is-socjeta attrici tigi refuza bil-flus tat-Taxxa tal-VAT (VAT) li hija hallset waqt l-ezercizzju tax-xoghol taghha barra minn Malta ghas-sena 2002 *in toto* u ghas-sena 2003 *in parte* kif ser jirrizulta waqt dan il-process, liema ammont mitlub pero' m'ghandux jeccedi s-somma ta' LM3,500 izda huwa aktar minn LM1,500.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata l-ewwel (1) ta' Gunju 2004 u bl-interessi legali sad-data tal-eventwali pagament effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li nhar is-sitta w ghoxrin (26) t'Ottubru 2004 Dottor Danielle Mallia pprezentat nota fir-Registru ta' din il-Qorti fejn iddikjarat li hija giet mahtura mill-imsiefer Alain J Baud sabiex tirrapprezentah f'kull interess li jista ikollu fl-atti tal-kawza 'n dezamina u ghaldaqstant hija ddikjarat li kienet qeghda taccetta l-bandi fir-rigward ta' dan l-avviz.

Rat illi b'digriet taghha tat-tlieta (3) ta' Novembru 2004 il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba tar-rikorrenti u ppREFEGGIET terminu ta' ghoxrin gurnata ghal prezentata tal-eccezzjonijiet.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-kuratur deputat Dottor Richard Sladden fejn eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjenti mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u rriserva li jipprovdi l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri, meta jikkomunika mal-konvenut.

2. Illi ghal dan l-iskop l-eccipjenti kiteb lill-avukat tas-socjeta attrici sabiex jinghata kwalunkwe informazzjoni u/jew inidrizz tal-imsiefer konvenut.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tal-konvenut Alain J. Baud fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament, jigi rilevat bir-rispett li Alain J. Baud mhux il-legittimu lkontradittur tal-kawza odjerna w ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, stante li s-socjeta attrici kellha u ghad ghandha rabta kummercjali, biss mas-socjeta estera Ora Conseils u mhux ma Alain Baud personalment kif jidher mill-iskritturi annessi u markati bhala Dok. A 1, A 2, A 3 u A 4.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex il-gurisdizzjoni neccessarja biex tiehu konjizzjoni tal-kawza u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza u wkoll ai termini tal-iskritturi hawn fuq imsemmija maghmula mis-socjeta attrici mas-socjeta estera Ora Conseils fejn il-partijiet qablu li jaghtu il-gurisdizzjoni esklussiva lill-Qrati Francizi u dan ai termini tal-klawsola numru hdax (11) taht it-‘*terms and conditions*’ li huma applikabbli ghall-iskritturi kollha msemmija, liema klawzola tipprovdi “*This agreement shall be subject to the French laws; the Courts of Pontoise – France shall have exclusive jurisdiction.”* Di piu Alain J. Baud huwa cittadin, domiciljat Franza, bl-ebda konessjoni ma Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jigi rilevat li fir-rigward tat-talba li tikkoncerna refuzjoni ta’ Vat tan-negozju li sar fis-sena 2002, din hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt. B’dan illi kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, is-socjeta estera Ora Conseils qatt m’irceviet id-dokumenti necessarji biex tapplika ghall-imsemmija refuzjoni u ghaldaqstant ma setghetx tapplika ghal tali refuzjoni. Tali obbligu seta’ biss jigi kostitwit jekk is-socjeta attrici ssupplixxiet id-dokumenti necessarji.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi rilevat illi fir-rigward tat-talba li tikkoncerna refuzjoni ta’ VAT tan-negozju li sar fis-sena 2003, is-socjeta estera Ora Conseils m’hija b’ebda mod responsabbli ghad-dewmien jew rifjut ghar-refuza minn Awtoritajiet esteri

stante li l-applikazzjonijiet necessarji gew pprezentati fil-hin lill-imsemmija Awtoritajiet. Ghaldaqstant, is-socjeta estera Ora Conseils ma ghandha tassumi l-ebda responsabilita stante li l-obbligu taghha hu biss li tipprezenta l-applikazzjonijiet fil-hin. Jekk ikun hemm xi dewmien jew nuqqas minn naha ta' l-Awtoritajiet, dan ma tghamilx tajjeb ghalih s-socjeta estera Ora Conseils, kif hemm provdut fil-klawsola numru tmienja (8) tal-hawn fuq imsemmija "*Terms and Conditions"* tal-iskritturi. Di piu is-socjeta attrici diga giet imhalsa r-refuza migbura mill-Awtoritajiet ta' Franza.

5. Illi di piu u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa wiehed eccessiv.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumentazzjoni u l-provi migjuba mill-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi nhar it-tnejn (2) ta' Gunju 2005 xehed **Fernando Cremona** prodott mis-socjeta attrici u dan fil-kwalita tieghu ta' Direttur ta' din l-istess socjeta. Ix-xhud spjega li s-socjeta minnu rapprezentata tiehu hsieb xoghol ta' *haulage* billi ggib il-merkanzija minn barra ghal Malta u vice versa u dan permezz ta' *trailers*. Spjega li huwa jaghmel is-sewqan barra minn Malta jwassal il-merkanzija sal-port li sussegwentement tigi trapostata ghal Malta bil-bahar. Ikkonferma li fil-maggor parti l-klijenti tas-socjeta attrici huma Maltin u l-hlas isir Malta. Spjega li l-konvenut Alain Baud huwa persuna li xoghlu hu li jiehu l-passi kollha necessarji sabiex jigbor lura l-VAT li huwa ikun hallas barra minn Malta u b'hekk l-istess Baud ikun qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta attrici. Qal li huwa kkomunika ma dan Alain Baud permezz tal-Accountant taghhom certu Charles Attard u dan Alain Baud accetta li jahdem ghalihom.

Qabel ma bdew jahdmu bejniethom, il-konvenut Alain Baud informa lid-diretturi tas-socjeta attrici illi huwa kien jehtieglu prokura sabiex ikun jista jagixxi ghan-nom

taghha barra minn Malta. Fil-fatt din il-prokura giet iffirmata minn Riccardo Cremona, hu dan ix-xhud, li huwa ukoll direttur fis-socjeta attrici.

Is-socjeta attrici ghamlet sentejn tahdem mal-konvenut minghajr problem ta’ xejn u di fatti kienet tircievi r-rifuzjoni tal-hlasijiet maghmula minnha barra minn Malta. Din ir-rifuzjoni kienet tidhol gol-kont bankarju tas-socjeta attrici.

Wara li jkun lesta mid-dokumenti, il-konvenut kien jerga’ jibghathom lura lis-socjeta attrici.

Dan ix-xhud jghid ukoll li gieli kellhom jistennew sahansitra ghal sentejn shah sabiex jiehdu r-rifuzjoni dovuta lilhom ghall-VAT li tkun thallset.

Lejn l-ahhar tas-sena 2003, dan ix-xhud cempel lill-konvenut u staqsieh x’kien gara mill-VAT *refund*. Skond dan ix-xhud, il-konvenut stqarr mieghu li huwa kien ghadu ma ghamilx l-applikazzjoni ghall-VAT refund u dan peress li s-socjeta attrici ma kellhiex tiehu. Skond dan ix-xhud, il-konvenut tah l-impressjoni li huwa ma kienx ghadu gabar id-dokumenti ghas-sena 2002. Ix-xhud jghid ukoll illi huwa cempel lill-*accountant* tieghu Charles Attard u staqsieh dwar din il-kwistjoni. Skond hu, Charles Attard qallu li l-konvenut kien gabar id-dokumentazzjoni kollha ghas-sena 2002. Wara dan ix-xhud cempel lill-konvenut u dan fil-fatt nizel Malta halli jiltaqa mad-diretturi tas-socjeta attrici.

Wara li l-partijiet iltaqaw u gew murija d-dokumenti lill-konvenut, u cioe li huwa kien effettivament gabar il-karti kollha necessarji sabiex ikun jista jitlob ir-rifuzjoni tal-VAT li s-socjeta attrici kienet hallset barra minn Malta, l-istess konvenut qalilhom li kien jehtieglu li jmur lura lejn Parigi halli jara l-karti li kellhu gewwa l-ufficcju tieghu.

Ix-xhud spjega wkoll li meta l-konvenut kien jinzel f’Malta huwa kien jiehu l-karti kollha necessarji sabiex ikun jista jaghmel il-*claim* barra minn Malta. Ghalhekk meta l-

konvenut kien nizel fis-sena 2003 huwa kien ha parti min tas-sena 2002 u parti minn tas-sena 2003.

Dwar il-prokuri, dan ix-xhud jghid illi huwa kellu jiffirma prokura lill-konvenut ghal kull pajjiz li huma kellhom jigbru l-VAT minghandhom. Pero dwar il-kwistjoni tat-*terms and conditions* annessi mal-prokuri u li gew esebiti mill-konvenut, dan ix-xhud jistqarr li huwa qatt ma kien rahom. Imbaghad dan ix-xhud ghadda biex esebixxa bhala Dok. FC 1 (fol. 36) karta illi kien tah l-istess Alain Baud fejn fiha hemm elenkati d-dokumenti kollha li huwa kien tah biex ikun jista jghamillu dan ix-xoghol, liema karta hija iffirmata mill-istess konvenut.

Fis-seduta tas-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 2006 ix-xhud **Fernando Cremona** esebixxa l-i*statements* relativi ghal *visa card* bin-numru 4552 4000 0296 1023 mahruga f'isem is-socjeta attrici w intestata wkoll f'ismu. Dawn l-i*statements* jirreferu ghall-ispejjez li saru ghas-snin 2002 u 2003 mis-socjeta attrici in konnessjoni max-xoghol taghha barra minn Malta.

Illi fl-istess seduta tat-tnejn (2) ta' Gunju, 2005 xehed **Riccardo Cremona,** Direttur tas-socjeta attrici. Huwa qal li jikkonferma dak kollu li xehed huh u gharaf il-firma tieghu fuq il-prokuri li gew esebiti. Dwar il-folja li hija intestata "*Terms and Conditions*" u li hi annessa ma kull prokura, dan ix-xhud jghid li huwa ma kienx gie muri din il-folja meta ffirma l-prokuri. Izid jghid li fuq din il-folja ma hemmx il-firma tieghu u li meta ffirma l-prokuri in kwistjoni, kien hemm huh.

Qal li huwa kien prezenti waqt li huh taha d-deposizzjoni tieghu u huwa jikkonferma fl-intier taghha. Ikkonferma wkoll il-prokuri (Dok. A 1 sa Dok. A 4 fol 12, 13, 15 u 19) li gew moghtija lilu mill-*accountant* taghhom fis-sens li fuqhom gharraf il-firma tieghu u dan kien ghamlu bl-intendiment li Alain Baud ikun jista' jahdem ghan-nom tas-socjeta attrici. Ikkonferma ukoll li meta ffirma l-prokuri 'n kwistjoni, ma kien hemm l-ebda folja dwar "*Terms and*

*Conditions*” u fil-fatt ma hemm l-ebda firma tieghu fuqhom. Ikkonferma li l-*accounts* tal-kumpanija jiehu hsiebhom l-*accountant* flimkien ma huh Fernando Cremona prezenti.

**Christine Camilleri** xehdet fis-sebgha w ghoxrin (27) t’Ottubru, 2005 u qalet li hi manager mas-socjeta Juanafil Consultants Limited. Spjegat li s-socjeta minnha rapprezentata tiehu hsieb l-*accounts* tas-socjeta attrici w ilha taghmel hekk sa mis-sena 2001. Din ix-xhud tghid illi l-konvenut kien gie rrakkomandat, mis-socjeta minnha rapprezentata, lis-socjeta attrici bhala l-persuna adatta biex jigbrilhom ir-*refunds* tal-VAT li kienu intitolati ghalihom ghal VAT li kienu hallsu barra minn Malta.

Ix-xhud tghid ukoll illi l-konvenut kien gie Malta u fil-fatt kien ha d-dokumentazzjoni kollha relattiva ghal-VAT imhallsa fis-sena 2001. Pero hi ma setghetx tikkonferma jekk ir-rifuzjoni li kien gabar il-konvenut kienetx effettivament thallset lis-socjeta attrici. Sussegswentement fil-bidu tas-sena 2003, il-konvenut kien rega’ gie lura Malta u mar fl-ufficini tas-socjeta Juanafil gewwa Birkirkara. Ix-xhud tghid li hi tat id-dokumentazzjoni kollha relattiva ghal VAT ghas-sena 2002 u ghal parti mis-sena 2003.

Hi tghid ukoll li l-konvenut Alain Baud ma kellu l-ebda negozju mas-socjeta minnha rapprezentata u li huwa kien jmur l-ufficcju taghhom semplicement sabiex jigbor il-karti tal-VAT tas-socjeta attrici. Meta mbaghad iktar tard fis-sena 2003, is-socjeta attrici talbet lis-socjeta minnha rapprezentata ghal xi dokumentazzjoni, hi nfurmathom li d-dokumentazzjoni li riedu, kienet diga ghaddiethom lill-konvenut. Id-diretturi tas-socjeta attrici nfurmawha li l-konvenut kien qalilhom li huwa ma kellhux dawn id-dokumenti u li ghalhekk din ix-xhud issuggeriet li jsir inkontru bejn il-partijiet. Di fatti giet iffissata laqgha ghal nofs is-sena 2004 u kien hemm prezenti Charles Attard, direttur tas-socjeta Juanafil, iz-zewg diretturi tas-socjeta attrici u l-konvenut. F’din il-laqgha, din ix-xhud kienet fakkret lill-konvenut dwar meta kien mar Haz-Zebbug, fl-ufficcini l-qodma taghhom w imbaghad kienet taghtu appuntament ghal ghada gewwa l-ufficcini l-godda

taghhom f'Birkirkara. Hi qalet ukoll li kienet qaltlu li hu kien ha l-karti kollha mieghu. Meta din ix-xhud spjegatlu u fakkritu b'dawn il-fatti, il-konvenut qal li ried imur lura Franza halli jaghmel il-verifiki tieghu. Hija tghid ukoll li l-konvenut m'inneggax li huwa kien gie Malta u/jew li kien ha l-karti mieghu.

Din ix-xhud esebiet bhala Dok. CC 1, kopja ta' *fax* li hija kienet baghtet lis-socjeta attrici meta ntroducietha ma dan Baud. Esebiet ukoll e-mail li giet markata bhala Dok. CC 2, li hija dik mibghuta lilha minn Alain Baud fejn infurmha li kellu xi dokumentazzjoni nieqsa ghar-rigward it-*tax refund* ghas-sena 2001, dokument iehor markat bhala Dok. CC 3 li huwa fax datat erbgha w ghoxrin (24) ta' Settembru 2001 fejn giet mitluba dokumentazzjoni ulterjuri minghand Alain Baud u dokument iehor immarkat bhala Dok. CC 4, li hija kopja ta ittra li hija baghtet lil VAT *department* hawn Malta sabiex hu ikollu konferma f'idejh li l-kumpanija attrici hija regolarment registrata.

Il-konvenut **Charles Attard** xehed nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 2006 u dan kemm f'ismu personali u kif ukoll f'isem is-socjeta Juanafil Consultants Limited. Huwa qal li fin-natura tax-xoghol taghha is-socjeta attrici tinkorri hafna spejjez barra minn Malta. Qal li ghalkemm il-VAT ma jithallasx hawn Malta xorta kellu jdahhal l-ispejjez biex jirraporthom lill-ufficcju tal-VAT. Ovvjament il-gbir tar-*refund* isir barra minn Malta. Dan ix-xhud stqarr illi l-konvenut mar diversi drabi fl-ufficcju tieghu sabiex jibgor il-karti u d-dokumentazzjoni tas-socjeta attrici u dan bil-ghan li jigbor ghan-nom tas-socjeta attrici il-VAT li hija tkun hallset barra minn Malta. Huwa kkonferma wkoll li Christine Camilleri kienet inkarigata fl-ufficcju tieghu sabiex tghaddi din id-dokumentazzjoni lil istess konvenut. Hu ma hemm kellu x'jaqsam, x'jigri wara, u cioe jekk is-socjeta attrici kienetx tircievi r-*refund* jew le, hu ma jidholx fih u lanqas ma jidhol fil-kwistjoni jekk effettivament il-konvenut Alain Baud kienx jithallas mis-socjeta attrici jew le.

Ikkonferma pero li l-konvenut Alain Baud kien gabar id-dokumentazzjoni kollha necessarja ghar-refuzjoni tal-VAT

ghas-snin 2002 u 2003 mill-ufficcju tieghu u kien jiftakar l-appuntament li kien tah ghal dan il-ghan. Ikkonferma wkoll il-laqgha li dwarha tkellmet ix-xhud Christine Camilleri u kkonferma li fil-fatt il-konvenut Alain Baud kien qalilhom li kellu jivverifika mal-kollegi tieghu gewwa Parigi dwar din l-istess dokumentazzjoni.

Ix-xhud spjega li huwa jikkalkula li s-socjeta attrici kien nefqet bhala spejjes l-ammont ta’ sitt elef u hames mitt lira Maltin (LM6,500) pero kienet intitolata ghar-*refund* fl-ammont ta’ ftit aktar minn tlett elef lira Maltin. Huwa fil-fatt ighid li kien ghamel prospett u kien ghaddih lis-socjeta attrici. Jghid li wasal ghal din is-somma wara verifiki li ghamel mas-socjeta attrici dwar hlasijiet maghmula minnha u minn ezami tal-istatement tal-Visa Card tal-istess socjeta attrici.

Illi nhar it-tlettax (13) t’Ottubru 2006 il-konvenut talab il-kjamat in kawza ta’ Charles Attard f’ismu proprju u bhala rapprezentant tas-socjeta Juanafil u b’digriet ta din il-Qorti diversament preseduta t-talba tal-konvenut giet milqugha.

Illi nhar is-sittax (16) ta’ Novembru 2006 l-kjamat in kawza Charles Attard f’ismu proprju u ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta Juanafil Consultants Limited ipprezentat in-nota t’eccezzjonijiet taghha u permezz taghha eccepiet:

1. “Illi preliminarjament il-kjamata in kawza hija nulla stante li ma tezisti l-ebda socjeta bl-isem ‘Juanafils’, izda biss Juanafil Consultants Limited.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiddecidi l-mertu ta’ din il-kawza stante li l-mertu jirrigwarda rkupru ta’ taxxa fi Franza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet maghmula fl-avviz tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jinghad hawnhekk u jigi ppruvat ahjar waqt il-kors tal-kawza.

4. Illi s-servizz ta' rkuprar tat-taxxa tal-VAT imhallsa barra minn Malta qatt ma gie rez minn Charles Attard pro et noe, izda dejjem kien responsabilita tal-konvenuta nominee, u b'mod partikolari ta' Alain J Baud jew ta' xi socjeta rapprezentata minnu.

5. Illi l-istess Charles Attard pro et noe qatt m' inkariga lil Alain J. Baud biex jirrendi xi servizz simili w ghaldqstant qatt ma jista jkun responsabbli ghal xi negligenza jew nuqqas ta' l-istess Alain J. Baud;

6. Illi l-uniku nvolvement tal-kjamat in kawza pro et noe, kien li l-istess Alain J. Baud inghata facilita t'access ghall-arkiviji tas-socjeta Juanafils Consultants Limited, u dana sabiex jaghzel fid-diskrezzjoni esklussiva tieghu, liema dokumenti kien jehtieg ghall-inkarigu li kellu, u cioe l-irkuprar tat-taxxa tal-VAT imhallsa barra minn Malta.

7. Illi 'n oltre l-ammont mitlub fl-Avviz tas-socjeta attrici huwa wiehed eccessiv.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Illi fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Mejju 2007 dehru l-konvenut u l-kjamat in kawza li talbu li din il-Qorti taghti sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni taghhom dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Illi l-attur seduta stante ddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal din it-talba u li ghalhekk din il-kawza kienet giet differita ghal sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Illi nhar it-tlieta (3) ta' Lulju 2007 l-konvenut Alain J. Baud ipprezenta nota u maghha pprezenta l-original tad-Dok. A 3 esebita fl-atti a fol. 15 tal-atti processwali.

Rat wkoll s-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar l-erbgha w ghoxrin (24) t'Ottubru 2007 (fol. 80 et seq tal-atti odjerni) fejn din l-istess Qorti kienet ddikjarat illi hija ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma u

tiddecidi din il-kawza w ghalhekk kienet ordnat il-prosegwiment taghha.

Rat wkoll l-affidavit tal-konvenut Alain J. Baud ippresentat fis-seduta tal-erbatax (14) ta’ Jannar 2008 (fol. 109 et seq tal-atti) w id-dokumenti mieghu annessi.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Frar 2008 rega’ xehed **Fernando Cremona** prodott mill-kjamat in kawza (fol. 124 et seq) fejn qal li mistoqsi x’relazzjoni ghandu mas-socjeta’ .Juanafils Consultants Limited wiegeb li din is-socjeta’ hija l-*accountant* tal-kumpanija tieghu, l-kumpanija tieghu hija s-socjeta’ attrici. Qal li kull darba li kien isib dokumentazzjoni in konnessjoni max-xoghol ta VAT kien ighaddi b’envelopp bl-ircevuti li kien abar dwar il-hlasijiet li kien jaghmel u kien jaghti dan l-envelope b’dawn l-ircevuti lil din is-socjeta’ Juanafils Consultants Limited. Qal li sussegwentement din is-socjeta kienet tahdem fuq dan l-inkaratament sabiex johorgu l-ispejjez u ma kinux jiehdu hsieb l-affarijiet dwar revizjoni ta’ VAT minn barra li qed jigi klejmjat. Spjega li Alain J. Baud minn barra jaghmel appuntament maghhom, jigbor il-karti tieghu u jaghmel *claims* barra minn Malta f’ismu.

Qal li hu kien iltaqa ma’ dan Alain J. Baud u fil-fatt dan kien laqqghu ma habib tieghu u qallu li hu kien jinzel darba fis-sena, jigbor il-karti u d-dokumentazzjoni kollha u jipprezentahom barra minn Malta u sussegwentement hu (ix-xhud) kien jircievi l-hlas.

Ftakar li kienet saret laqgha bejnu u bejn huh l-*accountant* u Alain J. Baud wkoll. Qal li hu kien staqsa lil Alain J. Baud ghaliex ma kienx ircieva l-flus u dan wehilu lsienu u ma kellux x’jghid. Qal li s-socjeta’ Juanafils kienet ipprezentat l-*file* b’dokumenti hziena cioe’ dawk li ma kienux tajba biex issir revizjoni dwarhom. Qal li Alain J. Baud imbaghad qallu biex jaghtih cans biex jerga’ jitla’ Franza u kellu jerga’ jkellmu lura. Zied jghid li minn hemm ‘il quddiem ma regax kellmu. Qal li dakinhar ma cahadx li huwa fil-fatt kien ipprezentalu l-karti. Qal li fil-fatt meta s-socjeta’ Juanafils ikkronfontatu u qaltlu ‘ara li d-dokumenti li rrid m’humiex hawn fil-*file* imma qeghdin

ghandek' hu ftakar li dakinhar ghamel telefonata u qallu biex jaghtih ftit cans u l-hlas isir. Qal li meta ra li ma kellmux aktar, beda jcempillu, jinjorah u kien ghalhekk li ddecida li jibda' bil-kawza.

Qal li jaf li s-socjeta' Juanafils kienet tghaddi d-dokumentazzjoni tieghu lil dan Alain J. Baud pero' r-relazzjoni bejn Alain J.Baud u hu, is-socjeta' Juanafils ma kienitx tidhol u ma kienitx tohroglu kont fuq il bicca xoghol li kien jaghmillu dan Alain J. Baud lanqas.

Qal li s-socjeta' konvenuta Juanfils Consultants ghadha l-*accountant* tieghu sal-lum u hija fil-fatt is-socjeta kjamata 'n kawza.

Illi fl-istess seduta xehed **Arnold Farrugia** prodott mill-kjamat in kawza (fol. 126 et seq) fejn qal li s-socjeta Juanafils Consultants Limited ilhom ghal dawn l-ahhar disa' snin jiehdu hsieb l-*accounts* tal-kumpanija tieghu li jisimha Jacob International Transport u Jacob Imports Limited. Qal li s-socjeta' Juanfils taghmel is-xoghol tieghu kollu rigward kwistjonijiet ta' finanzi, taxxi u affarijiet bhal dawn. Mistoqsi jekk jafx lis-socjeta' attrici Speed Trans Limited wiegeb li jafhom. Mistoqsi jekk jafx lil Alain J. Baud wiegeb li jafu wkoll. Qal li hu kien iltaqa ma' dan Alain J. Baud gewwa Parigi f'*meeting* li kellhom dwar VAT refund u jekk ma kienx sejjer zball kellu residenza Malta u sahansitra darba minnhom kien gie Malta w iltaqa mieghu hawn Malta. Qal li kien inkarigah wkoll biex jigborlu l-VAT refund ta' l-Ewropa tal-kumpanija tieghu w imbaghad kien talbu jekk jafx xi kumpanija hawn Malta li setgha jkun responsabbli biex jigbrilha xi karti. Qal li kien issuggerielu l-kumpanija li jahdem biha hu u cioe' dik ta' Juanafils Consultants Limited. Qal li l-ewwel darba li kienu marru ghandu kienu tkellmu ma' hu Charles. Qal li kien sar *meeting* pero' hu ma kienx prezenti u minn dakinhar 'l hemm hu, l-karti kien beda johodhom ghand Charles, jarhom hu u n-nies tieghu, u Alain J.Baud jigbor dawk li huma necessarji ghar-refuzjoni tal-VAT tal-Ewropa.

Rat n-nota tal-konvenut Alain J. Baud ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tmintax (18) ta' Marzu 2008 (fol. 128) bid-dokumenti maghha annessi.

Semghet lil konvenut **Alain J. Baud** jixhed fis-seduta tal-ghoxrin (20) t'Ottubru 2008 (fol. 149) fejn ikkonferma li l-istruzzjonijiet li ha kienu dejjem minghand is-socjeta Ora Conseils. Jghid li huwa qatt ma ttratta mas-socjeta attrici fil-vesti tieghu personali fil-fatt gili kien hemm anke siehbu gewwa parigi certu Guenaelle Lisbones li tratta mas-soicjeta attrici. Ikkonferma li huwa kien jitkellem kemm ma-socjeta Juanafils Consultants Ltd kif ukoll mas-socjeta attrici. Jikkonferma pero li kien hu li kien jigi Malta sabiex jigbor id-dokumentazzjoni necessarja. Fil-fatt jghid likien jiltaqa mal-*accountants* ta' diversi socjetajiet fosthom Express Trailers, Atrans u Speed Trans u kien jigbor id-dokumentazzjoni li kien jinghata mill-*accountants* taghhom. Stqarr li skond il-ligi Franciza prokura kellha tkun bil-lingwa Franciza. Ikkonferma li pero t-*transfer* tal-flejjes dejjem kien isir *back to back* mill-Bank minghand is-socjeta Ora Conseils ghal ghand is-socjeta attrici.

Ikkonferma li Christine Camilleri hija assistenta gewwa is-socjeta Juanafils Consultants Ltd u kull darba li kien imur f'dak l-ufficcju jew kien jinghata d–dokumentazjoni direttament jew kien jezamina il-*files* relattivi tas-socjeta attrici maghha biex jara x'kellu bzonn jiehu mieghu. Jghid li huwa xoghol l-*accountant* li jghaddilu d-dokumentazzjoni sabiex wara huwa kien japplika ghar-*refund* tal-VAT fil-pajizi propizji. Jghid li l-maggor parti tal-*invoices* li dwarhom isiru pagamenti barra minn Malta huma sogetti ghar-*refund*. Ikkonferma ghal darb ohra li pero d-dokumentazzjoni mehtiega ghar-*refund* tas-sena 2002 kienu go *file* relattiv izda dan il-*file* ma giex moghti lilu. Huwa jichad li nghata mandat sabiex jigbor ir-*refund* tas-sena 2002 w ghalhekk qatt ma kien gabar tali dokumentazzjoni.

Jispjega li d-drittijiet tieghu huwa ghaxar fil-mija ta' dak li jigbor w ghalhekk kien fl-interess tieghu li jipprezenta din

il-*claim*. Jikkonferma li huwa jokkupa il-kariga ta' Direttur tas-socjeta w ghalhekk huwa jrid jivverifika x'dokumentazzjoni rceviet is-socjeta minnu rapprezentata. Mistoqsi ghaliex kellu jivverifika mal-impjegati tieghu meta kien hu li kien jigi Malta jigbor il-karti, jghid li huwa kien ircieva telefonata mis-socjeta attrici xi sentejn wara w ghalhekk kellu jaghmel il-verifiki tieghu qabel ma jwiegeb. Huwa jigbor mijiet ta' *files* w ghalhekk ma setghax jiftakar bl-amment '*I have hundreds of files and therefore I do not recollect each and every file that I collect. When I came to Malta I was sure that I had never collected documents relating to the year 2002. I also confirm that I was sure that I had not received such documents by post, by courrier. There were also times when I received files from Juanafilst Consultants.*' Jghid illi meta gie Malta kien cert li ma gabarx dokumentazzjoni dwar is-sena 2002. Jghid li fil-fatt mas-socjeta attrici din gieli baghtet dokumentazjoni b'*courier* w ghalhekk ma kienx ikun hu li gabarha. Ikkonferma li dwar is-sena 2003 ma kien hemm l-ebda intopp ghaliex is-socjeta attrici kienet irceviet it-*tax refund* kif jirrizulta mir-ricevuti esebiti mal-affidavit tieghu. Fis-sena 2003 kien ipprezenta ricevuti ghall-pajjizi Italja u Franza u dawn kienu gew approvati.

Jispjega li d-dokument a fol. 133 tal-atti mahrug mill-Bank Popolaire Nord de Paris f'Ottubru 2004 jindika li s-somma ta' €4,606.20 giet moghtija lis-socjeta attrici bhala *refund* tal-VAT ghas-sena 2003.

Jelabora u jghid li ma jistax ikun li dak li qalet Christine Camilleri li kient taghtu d-dokumentazzjoni tas-sena 2002 u 2003 f'Dicembru 2002 u dan ghaliex id-dokumentazzjoni tas-sena 2003 tista tinghata biss wara li tghaddi s-sena 2003.

Jispjega li dwar ir-*refund* tas-sena 2004 huwa jista jitkellem ukoll ghaliex ghalkemm is-socjeta tieghu ma kienitx giet inkarigata mis-socjeta attrici, ghaliex is-socjeta attrici kienet qabdet is-socjeta Olandiza din is-socjeta Olandiza li ma tistax tahdem f'*refunds* gewwa Franza kient qabdet lilu u jaf li r-*refund* tas-sena 2004 is-socjeta attrici rcevietha wkoll.

Jikkonferma li f'idejh ghandu s-somma ta' cirka €5,000 u dan bi qbil mas-socjeta attrici wara li kien informa lis-socjeta Olandiza li ma setghetx tahdem ghas-socjeta attrici peress li kellha kawza maghha pero minhabba it-*time limits* hadmet xorta u zammet il-flus hi. Huwa kien gabar il-flus minflok ma tilifhom. Huwa zamm dawn il-flejjes ghaliex hass li s-socjeta attrici ma kellha l-ebda dritt tfittxu w ghalhekk kien ser ifittixha ghad-danni.

Jerga jikkonferma li huwa kien mar l-ufficcju tas-socjeta Juanfils gewwa Haz Zebbug kien sabihom maghluqa u kien ghalhekk li kien mar fl-ufficini B'Kara pero dan kien f'Lulju 2003 w ghalhekk kien ikun impossibli li dakinhar jigbor id-dokumenti tas-sena 2003. Jghid li kien cert li kien f'Lulju 2003 l-inkontru li kellu kif sahansitra jista juri mill-passaport tieghu ghaliex kien waqaf Sqallija *holiday*.

Spjega li r-relazzjoni tieghu ma klijent tigedded minn sena ghal sena u dan ghaliex ma hux cert jekk is-sena ta' wara il-klijent hux ser jerrga jingaggah. Il-prokura tigi estiza minn sena ghal sena skond ix-xoghol.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamat in kawza Charles Attard f'ismu proprju kif wkoll bhala rappresentant tas-socjeta Juanafil Consultants Limited ippresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-hmistax (15) ta' Mejju 2009 (fol. 159 et seq).

Rat wkoll n-nota ta' Dottor Gillian Portelli ppesentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sittax (16) ta' Settembru 2009 (fol. 177) li permezz taghha nfurmat lil Qorti li hi giet mahtura bhala l-mandatarja tal-konvenut Alain J. Baud in sostituzzjoni tal-mandatarji precedenti tieghu f'din il-kawza kif wkoll n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Dottor Danielle Mallia ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tnejn (2) ta'Gunju 2009 (fol 169 et seq ).

Ikkunsidrat:

Imiss issa ghalhekk li tigi tratta it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Alain J. Baud u tas-socjeta Juanfils Consultants Limited il-kjamat in kawza u cioe li l-konvenut Alain J. Baud m'huwiex il-legittimu kontradittur tal-kawza odjerna u li s-socjeta attrici kellha relazzjoni guridika mas-socjeta estera Ora Conseils.

Dwar dan jinghad kif gie spjegat fis-sentenza li nghatat ricentement mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **il-Perit Robert Musumeci vs Nazzareno sive Reno Grech deciza** fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Novembru 2009:-

"*B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita ta' atti konessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl'ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew iktar. Tali att jew atti huma, imbaghad ravvizzabli min manifestazzjoni ta' volonta ossija ta' dik l-imgieba li in bazi ghac-cirkostanzi li fih tavvera fit-traffiku guridiku tnissel fid-destinarju t-tifsira li l-arti trid tipproduci l-konsegwenzi guridici predetti*" Ara "**Burmarrad Commercials Ltd vs Desmond Mizzi et"** Appell Inferjuri, 28 ta' Frar 2007. "*Dan necessarjament jimporta illi l-gudikant imsejjah bie jiddetermina l-kwalita tal-litiskonsorzju legittimu tal-konvenut, jenhtieglu janalizza mill-korp tal-provi jekk dan jikkonfigurax bhala s-soggett idoneju konness mar-rapport guridiku dedott fil-gudizzju*." Ara "**Salvu Fenech ta' Spenka Limited vs Karl Bonello**" Appell Inferjuri , 31 ta' Ottubru 2007.

Premess dan, huwa opportun ukoll li tigi hawn riprodotta l-enuncjazzjonijiet estratta minn decisjoni tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (**Cass. 4 ta Frar Numru 1244)** li tghid:-

"*Il rapporto di prestazione d'opera professionale la cui esecuzione sia dedotta dal professsionista come titolo del diritto al compenso, postula l-avvenimneto conferimento del relattivo incarico in qualsiasi forma idonea a manifestare in equivocabilmente la volonta di avvalersi della sua attivita e della sua opera da parte del cliente convenuto per il-pagamento di detto compenso. Cio coporta che il cliente del professionista non e*

*necesariamente colui nel cui interesse viene eseguita la prestazione d'opera intelletuale,ma colui che stipulando il relattivo contratto ha conferito incarico al professionista ed e consseguentemente tenuto al pagamento del corrispettivo. La prova dell'avvenuto conferimento dell'incarico quando il diritto al compenso sia del convenuto contestato sotto il profilo della mancata instaurazione di un rapporto grava sull'autore."*

Ghas-sostern tal-linja difensjonali tieghu tan-nuqqas ta' rapport guridiku, l-konvenut jibbaza ruhu b'mod principali fuq il-prokura moghtija mis-socjeta attrici lis-socjeta Ora Conseil w ghalhekk il-konvenut isostni li huwa dejjem hadem f'isem is-socjeta Ora Conseil.

Minn esami tal-prokura esebita a fol. 12 Dok. AC 1 jirrizulta li kienet is-socjeta attrici tat il-mandat taghha lis-socjeta estera Ora Conseil sabiex tigbor f'ismiha it-*tax refund* dovuta lis-socjeta attrici. Fuq dan id-dokument datat dsatax (19) ta' Novembr 2001, iffirmata Zebbug Malta jidher li l-firmatarju tal-mandatarju ffirma f'isem is-socjeta Ora Conseils Sarl. Jidher ukoll li l-mandanti li ffirma din l-istess prokura kien l-istess Riccardo Cremona li xehed f'dawn il-proceduri f'isem is-socjeta attrici. Jekk in pessima ipotesi il-Qorti taccetta id-difiza tas-socjeta attrici li hija ma kienitx taf taqra il-lingwa Franciza, xorta jibqa' il-fatt li a fol. 13 Dok. A 2 hemm imnizzel bil-lingwa Ingliza "Agreement for the recovery of VAT" bejn is-socjeta attrici Speed Trans Limited u Ora Conseils Sarl. Anke fid-dokument a fol. 14 fejn hemm imnizzel it-*terms and conditions* tal-ftehim bl-Ingliz jidher li hija s-socjeta Ora Conseils li qed tinnegozja u mhux Alain J.Baud. Dan il-ftehim li gie ffirmat mis-socjeta attrici sabiex tottjeni r-*refund* tal-VAT dovut lilha gewwa Italja japplika wkoll ghar-*refund* li kellha tircievi mill-Olanda (vide dok A3 a fol 15) u ghal dak dovut lilha mill-Lussumburgu (Dok. A 4 a fol. 17 u 18). In segwitu jirizulta wkoll li fil-mori tal-mandat moghti lis-socjeta Ora Conseils is-socjeta attrici kienet ukoll irceviet korrispondenza mis-socjeta estera Ora Conseil fejn kienet giet mgharrfa li kellha xi dokumentazjoni nieqsa. Dan hu l-unika dokument iffirmat mill-konvenut Alain J. Baud, imma fil-fehma tal-Qorti, dan iffirma f'isem

is-socjeta estera molto piu meta tqis li l-ittra 'n kwistjoni wkoll harget mis-socjeta estera bid-dettalji u informazzjoni kollha taghha. Anke l-*e-mail* li giet mibghuta lis-socjeta kjamata 'n kawza Juanfils Consultants Limited giet mibghuta mill-konvenut ghan nom tas-socjeta fiskali Ora Conseils (vide Dok. CC 2 a fol. 46). Jinghad ukoll ghal kjarezza li anke id-dokumentazzjoni li esebixxa il-konvenut Alain J. Baud konsistenti f'talbiet li saru ghar-refuzjoni u dokumemti bankarji (Dok AJE 4 sa AJB 9 a fol. 129 et seq jghajjtu lis-socjeta attrici f'relazzjoni guridika mas-socjeta estera Ora Conseils). Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubbju f'mohh il-gudikant li verament l-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici fil-konfont tieghu.

Is-socjeta kjamat in kawza wkoll tecepixxi li huwa qatt ma inkariga lil Alain J. Baud sabiex irendi servizz dwar rkupru ta' taxxa w ghalhekk qatt ma jista jkun responsabbli ghal xi negligenza jew nuqqas tal-istess Alain J Baud.

Illi minn ezami tax-xhieda prodotta kemm is-socjeta attrici, kemm mill-konvenut kif ukoll mis-socjeta kjamata 'n kawza jirrizulta bic-car li r-relazzjoni guridika esistenti kienet bejn is-socjeta attrici u dik is-socjeta estera Ora Conseils.

Jirrizulta bic-car li fil-fatt s-socjeta kjamata 'n kawza hija biss is-socjeta li tiehu hsieb l-*accounts* tas-socjeta attrici u li r-relazzjoni taghha hija dik mas-socjeta attrici biss. Illi minn l-ebda dokument ma jirrizulta li kienet s-socjeta kjamata 'n kawza li kienet responsabbli ghal gbir ta' rkuprar ta' taxxi. Huwa minnu dak li qalet is-socjeta kjamata 'n kawza li hija kienet taghti access lill-arkivji taghha sabiex s-socjeta Ora Consiels tramite r-rapprezentant taghha tkun tista taghzel id-dokumentazzjoni necessarja sabiex is-socjeta attrici tkun tista tirkurpra t-taxxa tal-VAT minn barra Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrci ma jistghux jigu milqugha fil-konfront tas-socjeta kjamata 'n kawza peress illi ma tesisti l-ebda rabta kontrattwali

bejnha w is-socjeta estera li kienet responsabbli ghall-irkuprar tat-taxxa.

Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta semmai li kienet din is-socjeta estera li messha giet imharrka sabiex tirrispondi ghal dan in-nuqqas.

**Il-Qorti ghalhekk ma hiex sejra tiddiskuti l-mertu ta' din il-kawza u cioe sabiex tiddentifika n-nuqqas li kien hemm peress li zgur li dan ma jistax jigi attribwit la lill-konvenut Alain J. Baud u wisq inqas lis-socjeta kjamata 'n kawza.**

**Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut li mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza w ghalhekk qed tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda tichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta kjamata 'n kawza billi tilqa l-eccezzjonijiet taghha.**

**Bl-ispejjez kontra is-socjeta attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------